# QORTI ĊIVILI - PRIM' AWLA
## Sede Kostituzzjonli

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Sitta (6) ta' Frar 2023**

**Rikors Numru 648/2022/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Demicoli**
**(ID: ~~546374M~~ 488157M)**
***Korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet ta 09.03.23 FDP***

**VS**

**Avukat Ġenerali**
**Kummissarju tal-Pulizija**
**Avukat tal-lstat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta' Diċembru 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

   1. *Illi l-esponenti flimkien ma' żewġ persuni oħra kien imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'akkużi relatati ma' mewt involontarja ta' żewg persuni fuq sit ta' kostruzzjoni liema aġir seħħ minħabba negliġenza tal-esponenti waqt il-qadi ta' xogħolu fuq dana s-sit ta' bini;*

   2. *Illi apparti minn l-akkużi addebitati kontra tiegħu naxxenti mill-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti kien anke akkużat taħt disposizzjonijiet relatati ma' dawk tas-Saħħa u Sigurta fuq il-post tax-xogħol;*

   3. *Illi l-vittmi f'dan il-każ kienu Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb li dakinhar tal-inċident kienu qegħdin it-tnejn ġewwa korp bini li ġġarraf u li jġib l-isem ta' 'St. Francis Flats' Triq Ramon Pirellos, San Pawl il-Baħar. Illi x-xogħolijiet ta' skavar kienu qed isiru minn terzi persuni li*

*tressqu wkoll fil-proċess penali u dana ġewwa art li kienet propjeta tal-esponenti;*

4. *Illi l-esponenti dejjem irritjena li huwa, minkejja li kien persuna midħla sewwa fix-xogħol ta' kostruzzjoni u anke magħruf bħala kuntrattur, ma' dana l-iżvilupp ma' kellu x'jaqsam xejn. Kien inkariga persuni li kien jafhom u ħalla kollox f'idejn il-Perit li kien għażel biex jissorvelja x-xogħolijiet;*

5. *Illi sfortunatament ta' min jibda biex jgħid li dan l-inċident, ossia l-fatt li fih mietu żewġ persuni, kellu effett devastanti fuq ħajjet l-esponenti. Illi wara dan l-avveniment ikrah huwa ma' baqax jaħdem u ntlaqat minn sens ta' dipressjoni kbira għaliex iddispjaċih immens minħabba dak li kien seħħ;*

6. *Illi bħala 'time line' tal-proċeduri jingħad li dawn komplew litteralment farrku lill-esponenti. L-inċident seħħ fit-3 ta' Ġunju 2004. Illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti, ossia l-Qorti tal-Maġistrati [Malta] bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat fil-21 ta' Ottubru 2009 u ċioe iżjed minn ħames snin wara l-inċident;*

7. *Illi l-esponenti kien misjub ħati quddiem l-EwweI Qorti msemmija u kien ikkundannat tlett (3) snin priġunerija effettivi. Illi huwa kien interpona appell u anke kawża kostituzjonali għaliex ilmenta li d-disposizzjoniet tal-'health and safety' fuq il-post tax-xogħol ma' kinux jgħoddu għalih inkwantu huwa kien biss sid l-art fejn kien qed isir ix-xogħol. Illi di fatti fil-proċess '***Paul Demicoli vs Ministru għall-Politika Soċjali et'*** deċiż fis-16 ta' Jannar 2018, l-esponenti kien ingħata raġun u t-talbiet tiegħu ġew akkolti. Illi jidher hawn ukoll li dina l-kwistjoni f'rikors kostituzzjonali damet snin twal biex tiġi deċiża;*

8. *Illi wara dan il-proċess penali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) baqa' għaddej sa kemm fit-2 ta' Novembru 2022 ingħatat sentenza fejn l-esponenti intlaqa' l-appell tiegħu iżda xorta waħda ġie kkundannat sentejn (2) priġunerija effettivi;*

9. *Illi l-esponenti jressaq dawn il-proċeduri wara li ġew mitmuma l-proċeduri l-oħra kollha u għalhekk f'dana l-istadju, dina l-Onorabbli Qorti ma' għandha xejn xi jxekkilha milli tanalizza eżattament dak li seħħ f'dan il-każ;*

10. *Illi l-esponenti bid-dovut rispett iqis li huwa ta' għajb u tal-mistħija li proċess kriminali jieħu kważi tmintax [18] il-sena biex ikun deċiż u meta jkun deċiż l-Qorti kompetenti xorta waħda minkejja kollox tikkundannah piena ta' ħabs effettiv;*

11. *Illi l-esponenti jifhem li hawn si trattava ta' inċident serju, iżda dana xorta ma' jxejjen xejn mid-dritt leż lill-esponenti bl-aktar mod lampanti minħabba dewmien esaġerat u proċeduri li ma' ġewx mitmuma fi żmien*

*raġonevoli skond il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

12. *Illi mhux biss, għandu jingħad ukoll li l-familjari tal-vittmi li xehdu f'dan il-proċess, iddeponew quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [Sede Inferjuri] u talbuha sabiex għal ebda raġuni ma' timponi priġunerija effettiva fuq l-esponenti fost l-oħrajn. Illi minkejja dana kollu sfortunatament b'leżjoni ta' dritt lampanti u kontra t-talba ta' minn tilef lill-qrabatu, l-Qorti xorta ddeċidiet mod ieħor;*

13. *Illi kien għalhekk illi r-rikorrenti preżenta rikors kostituzzjonali fejn huwa talab lil Qorti jogħġobha:*

    a. *Tiddikjara li r-rikorrenti sofra leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tiegħu meta huwa kien ikkundannat għal sentejn (2) priġunerija effettivi fil-proċeduri deċiza fit-2 ta' Novembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Paul Demicoli et**' u dana għaliex dawn il-proċeduri ma' ġewx deċiżi fi żmien raġionevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;*

    b. *Tordna konsegwentement, li bħala rimedju effettiv, ir-rikorrenti ma' jibqax jiskonta l-piena fuqu nflitta;*

    c. *Tieħu kull provvediment ieħor li jkun opportun;*

14. *Illi l-esponenti huwa tal-fehma li l-mod kif l-intimati mexxew il-proċeduri kriminali kontra tiegħu u l-piena karċerjarja imposta wara proċess li dam kważi tmintax il-sena jilledi d-dritt fundamentali tiegħu li jingħata smiegħ xieraq, dritt sanċit fl-Artikolu Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ġiet preżentata l-kawża kostituzzjonali de quo;*

15. *Illi l-esponenti huwa tal-fehma illi l-pretensjoni tiegħu li huwa sofra leżjoni tad-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319, mhix pretensjoni fiergħa mad-daqqa t'għajn. Inoltre, it-teħid tal-liberta' tiegħu għandha titqies bħala preġudizzju ta' natura serja u irrimedjabbli;*

16. *Illi għaldaqstant jeżistu l-elementi meħtieġa biex tiġi milqugħa talba għal miżura proviżorja li permezz tagħha, l-esponenti jingħata lura l-liberta tiegħu pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri.*

17. *Illi għaldaqstant qed isir dan ir-rikors.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment itlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1 . *Tappunta dan ir-rikors għas-smiegħ bl-urġenza;*

2. *Bħala rimedju proviżorju tordna illi l-esponenti Paul Demicoli jiġi skarterat u rilaxxat billi jinħeles minnufih u ma jibqax miżmum fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin hekk kif issir in-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi, u li jibqa' hekk ħieles sakemm ma jkunx hemm bdil fiċ-ċirkostanzi;*

3. *Tordna illi waqt il-ħelsien provviżorju tiegħu l-esponenti Paul Demicoli għandu josserva diversi kondizzjonijiet imposti mill-Qorti fosthom li m'għandu bl-ebda mod jitlaq minn Malta għaż-żmien kollu li dan il-provvediment ikun fis-seħħ u ma jonqosx milli jidher quddiem din il-Qorti kull smiegħ tal-kawża sakemm ma jkunx meħlus minn qabel b'ordni ta' din il-Qorti, flimkien ma' kundizzjonijiet oħra li dina l-Qorti tħoss xieraq li timponi.*

4. *Tordna li dan il-provvediment jkun eżegwibbli minnufih.*

*Salv għal kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*

2. Rat illi b'digriet tal-15 ta' Diċembru 2022, il-Qorti appuntat ir-rikors għat-trattazzjoni għat-12 ta' Jannar 2023 filwaqt illi akkordat ħmistax-il jum lill-intimati sabiex jirrispondu.

3. Rat illi fid-29 ta' Diċembru 2017, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

*Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent qed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħti interim mensure fis-sens li jingħata l-ħelsien mill-arrest pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri* kostituzzjonali.

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti mertu tal-kawża* kostituzzjonali *hi li minħabba allegat dewmien eċċessiv biex tiġi deċiza l-kawża kriminali* ***Il-PuIizija (Spettur Joseph Mercieca) vs. Kevin Bonnici, Paul Demicoli u Paul Magro*** *dan sar bi ksur tal-jedd fundamentali għal-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u konsegwentement ir-rikorrent qed jitlob ukoll li l-piena karċerarja effettiva ta' sentejn priġunerija erogata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tiġi annullata u revokata.*

*Illi bħala fatti jiġi rilevat li fit-3 ta' Ġunju 2004 il-fond St. Catherine, fi Triq Ramon Perellos, San Pawl l-Baħar iġġarraf bil-konsegwenza li mietu Nadezda Vavilova u Maria Dolores Zarb. In segwitu għall-inkjesta maġisterjali u l-investigazzjonijiet minn naħa tal-pulizija, tressqu l-Qorti Paul Demicoli, Kevin Bonnici u Paul Magro akkużati fost oħrajn bl-omiċidju involontarju tal-istess Nedezda Vavilova u Maria Dolores Zarb. Fil-21 ta' Ottubru 2009 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lil Paul Demicoli ħati tal-akkużi u ikkundannatu tliet snin priġunerija. Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza. Fil-mori tal-appell kriminali r-rikorrent fetaħ kawża kostituzzjonali fl-ismijiet* ***Paul Demicoli vs. Ministru tal-Politika Soċjali et*** *kawża kostituzzjonali numru 2/2010 u jirriżulta li minħabba dik il-kawża*

*kostituzzjonali r-rikorrenti talab lil-Qorti tal-Appell Kriminali tissospendi l-mixi 'il quddiem tal-appell u fil-fatt fl-4 ta' Frar 2010 il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħat it-talba tar-rikorrenti u ddifferiet l-appell sine die. Il-proċeduri kostituzzjonali ġew deċiżi mill-Qorti Kostituzzjonli fit-12 ta' Lulju 2019. Eventwalment, b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 2022 il-Qorti tal-Appell Kriminali irriformat is-sentenza tal-Ewwel Qorti u minflok ikkundannat lir-rikorrenti sentejn priġunerija.*

*Illi ma jeżistux l-elementi meħtieġa mill-liġi għall-akkoljiment tat-talba kontenuta fir-rikors promotur, u ċioe t-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tagħti miżura ad interim a tenur l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, liema talba tirriżulta manifestement infondata u għalhekk għandha tiġi miċħuda.*

*Tabilħaqq allegazzjoni ex parte illi sar ksur ta' dritt fondamentali mhijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjeta tal-proċess ġudizzjarju u mal-finalita ta' res judicata li sentenza tinżamm milli titwettaq għax xi ħadd jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali;*

*L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-għoti ta' ordni provviżjorja trid tiġi kkunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-għoti ta' tali miżuri huwa eżerċizzju eċċezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' interim measures b'mod ristrett għall-aħħar u jikkonċedu tali miżuri biss f'ċirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja u ta' trattament inuman u degredanti iżda tali allegazzjonijiet huma ċirkoskritti għall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Issir riferenza għall-provvediment mogħti fil-kawża fl-ismijiet* ***Raymond Caruana vs L-Avukat Ġenerali*** *deċiża fit-23 ta' April 2003 fejn ġie osservat illi 'interim relief jingħata meta "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm"' u ġeneralment jingħata f'każijiet fejn hemm "an alleged risk to life or ill treatment' fosthom każijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni għal stati fejn ir-riskju għal-ħajja huma kbar ħafna. "Matters of detention, interference with property rights"  m 'humiex fost il-każijiet fejn jingħata interim relief'.*

*Illi mir-rikors in risposta jidher li l-każ odjern ma jinkwadrax ruħu taħt allegata leżjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u għal dak li jirrigwarda l-allegata leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, l-ilment tar-rikorrent mhux qed isir f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni jew espulsjoni.*

*Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Joseph Camilleri vs Avukat Ġenerali*** *deċiża fl-l ta' Lulju 2013 għamlet referenza għall-pubblikazzjoni* <u>*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*</u> *ta' Van Dijk u Van Hoof (raba' edizzjoni 2006, paġna 113) josservaw illi "In the majority of cases the interim measures are taken seriously by the national authorities. In fact if is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated: the facts must prima facie point to violation of the*

*Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parlies or to the progress of the examination. Such would be the case, for instance, if an expulsion threatens to constitute a violation of Article 3 of the Convention, in view of a serious risk that the person concerned will be exposed to torture or inhuman treatment or punishment. In that case a stay of expulsion may be requested until the Court has had the opportunity to investigate the case. However, it will do so only if there is  high degree of probability that a violation of Article 3 is likely to occur. This requires that the applicant state his case in a convincing manner and possibly also presents some evidence showing the danger to life or limb to which he may be expelled or extradited to a particular country. It is not sufficient for the applicant to provide information about the danger or uncertain situation in the country of destination and/or his being an opponent of the ruling Government'.*

*Illi l-esponenti jagħmlu riferenza wkoll għall-provvediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet* ***Alfred Degiorgio vs L-Avukat Ġenerali et*** *(rikors kostituzzjonali numru 57/2018/1) tat-22 ta' Mejju 2018 fejn ġie osservat illi "Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proċeduri li għandha quddiemha fid-dawl tas-suċċitai insenjament, li minnu joħorġu iż-żewġ rekwiżiti essenzjali sabiex din il-Qorti tgħaddi biex tagħti rimedji ad interim kif mitlub, u ċioe' l-ksur prima facie u l-ħsara irrimedjabbli".*

*Illi għalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri li (a) għandu dritt prima facie li nkiser; u (b) ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tinħariġx il-miżura provviżorja. Illi dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.*

*Illi minn eżami anke superfiċjali tar-rikors in risposta jirriżulta li dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti bħala miżura provviżorja lanqas b'mod l-aktar remot ma jinkwadra u jissodisfa r-rekwiżiti żviluppati fil-ġurisprudenza odjerna u dan għal diversi raġunijiet.*

*Illi ir-rikorrent qiegħed jiskonta sentenza ta' ħabs li ġiet imposta fuqu leġittimament mil-Qorti tal-Appell Kriminali rigward akkużi serjissimi relatati mal-omiċidju involontarju ta' żewġ persuni. Il-piena erogata hija fil-parametri tal-liġi. Il-fatt li kawża kriminali damet biex giet konkluża ma jfissirx li l-piena imposta mill-Qorti tista' tiġi annullata u revokata kif ġieb u laħaq. Minn analiżi tas-sentenzi datati 21 ta' Ottubru 2009 u 27 ta' Ottubru 2022, kemm il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali rispettivament għamlu analiżi legali, fattwali u ġurisprudenzjali dettaljattissima u waslu għal-konklużjoni leġittima li r-rikorrenti huwa ħati ta' ċertu akkużi u dehrilhom li piena karċerarja effettiva hija idoneja fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Huma l-Qrati penali li semgħu u*

*għexu il-każ kriminali li kienu fl-aħjar posizzjoni janalizzaw ad funditus il-fatti u l-provi ta' dan il-każ u għalhekk m'għandhiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tbiddel jew tiddisturba ir-realta' ġuridika li stabbilew leġittimament il-Qrati penali fis-sentenzi tagħhom bi ħruġ ta' interim measure. Il-fatt li l-proċeduri kriminali ħadu ż-żmien tagħhom biex ġew deċiżi, ma jtaffi u ma jnaqqas xejn mill-ħsara irrimedjabbli u serjissima kawżata mir-rikorrenti bl-aġir tiegħu li biha mietu intortament żewġ persuni. Terġa' u tgħid, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha daħlet f'dettal ukoll dwar x'għandha tkun il-piena idoneja f'dan il-każ u qieset iċ-ċirkostanzi kollha inkluż it-trapass ta' żmien liema trapass ta' żmien ġie ikkawżat ukoll direttament mir-rikorrenti meta hu stess talab li l-appell kriminali imur sine die.*

*Issir referenza għad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet* ***Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali et*** *tad-19 t' April 2016 li kienet titratta proprju talba ghal-iskarċerazzjoni pendenti l-kawża kostituzzjonali fejn intqal is-segwenti:*

*Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza 'pro veritaie habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd.*

*Illi r-rikorreni ma ta lil din il-Qorti l-ebda raġuni minn dawk imsemmija hawn fuq għalfejn il-miżura minnu mitluba għandha tintlaqa' f'dan l-istadju tal-kawża. U l-Qorti ma qiegħda tara l-ebda ċirkostanza li toħroġ mill-atti fal-kawża li twassalha biex tagħti dak ir-rimedju;*

*Illi għaldaqstant, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*

*Tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ordni tal-iskarċerazzjoni tiegħu minħabba li ma jeżistux il-kundizzjonijiet li jwasslu għal dan.*

*Dan l-insenjament ġie riprodott ukoll fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawża* ***Jason Galea vs Avukat Ġenerali*** *tas-27 ta' Diċembru 2017 fejn il-Qorti għal darba oħra ċaħdet talba għal-ħruġ ta' interim relief li kienet tirrigwarda l-liberta provviżorja. Dan qed jingħad għaliex effettivament talbiet bħal ma qiegħed jagħmel ir-rikorrenti dejjem jiġu konsistentement miċħuda mill-Qrati tagħna.*

*Fl-aħħarnett u mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke l-ilment innifsu tar-rikorrent, dato ma non concesso jiġi pruvat, dan mhuwiex wieħed li iwassal biex sentenza ta' Qorti oħra tiġgi annullata. Lkoll nafu li f'każijiet fejn l-ilment ikun dwar dewmien eċċcessiv, il-Qrati kostituzzjonali ġeneralment jimponu bħala rimedju kumpens monetarju għal-leżjoni riskontrata iżda qatt ma "jaħfru" sentenzi ta' priġunerija imposti leġittimament minn Qrati oħra.*

> *Għaldaqstant, għar-raġunijiet espressi, fil-fehma tal-esponenti ma jeżistux l-estremi sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent biex huwa jiġi skarċerat sakemm jinqatgħu dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Jiġi b'hekk li t-talba kif dedotta fir-rikors għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-12 ta' Jannar 2023, wara liema trattazzjoni l-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

5. Jirriżulta illi fit-3 ta' Ġunju 2004, ġewwa sit ta' kostruzzjoni propjeta tar-rikorrenti, seħħ inċident illi wassal għall-kollass ta' bini adjaċenti għal fejn kien qed isiru x-xogħolijiet, fis-sussegwenti mewt ta' żewġ persuni, ossija Nadazeda Vavilova u Maria Dolores Zarb.

6. Jirriżulta illi sussegwentement, inħarġu akkużi kontra r-rikorrent, flimkien ma' terzi, talli, fost affarijiet oħra, minħabba nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni jew nuqqas ta' ħili f'xogħolhom, ikkaġunaw il-mewt ta' Nadazeda Vavilova u Maria Dolores Zarb.

7. Jirriżulta illi fil-21 ta' Ottubru 2009, il-proċeduri kriminali ġew deċiżi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn instab ħati u ġie kkundannat piena ta' tlett snin priġunerija.

8. Jirriżulta illi r-rikorrent appella minn tali deċiżjoni.

9. Jirriżulta illi, nelfrattemp, ir-rikorrent intavola proċeduri Kostituzzjonali, fejn talab illi jiġi dikjarat illi disposizzjonijiet tal-Health and Safety Regulations, ossija r-Regolamenti tal-2004 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), illi bi ksur tagħha huwa ġie akkużat wkoll w instab ħati, ma kinux applikabbli għalih stante illi ddaħħlu in vigore mhux skond il-Liġi.

10. Jirriżulta illi tali proċeduri inbdew fis-sena 2010 u ġew deċiżi, in prim' istanza, fis-16 ta' Jannar 2018 u, fi stadju tal-Appell, fit-12 ta' Frar 2019, fejn fiż-żewġt istanzi, r-rikorrent ingħata raġun u ġie dikjarat illi l-leġislazzjoni fuq imsemmija, kif implimentata, ma kinetx applikabbli għalih.

11. Jirriżulta illi wara tali deċiżjoni, il-proċeduri tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali inferjuri tkomplew u, permezz ta' sentenza mogħtija fits-27 ta' Ottubru 2022, il-Qorti tal-Appell, filwaqt illi kkonferma l-ħtija, rriduċiet il-piena ta' inkarċerazzjoni, minn tlett snin għal sentejn.

12. Jirriżulta illi s-sussegwentement huwa intavola proċeduri Kostituzzjonali quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta, fejn talab li:

> Tiddikjara li r-rikorrenti sofra leżjoni tad-drittijiet kostituzzjonali tieghu meta huwa kien ikkundannat għal sentejn (2) priġunerija effettivi fil-proċeduri deċiża fit-2 ta' Novembru 2022 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Paul Demicoli et' u dana għaliex dawn il-proċeduri ma' ġewx deċiżi fi żmien raġonevoli bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

**Ikkunsidrat**

13. Permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qiegħed jitlob sabiex jingħata l-ħelsien mill-arrest sakemm il-proċeduri odjerni jiġu deċiżi.

14. L-intimati, da parte tagħhom, joġġezzjonaw għal tali talba, stante illi saħqu illi r-rikorrent ma kienx ser isofri ħsara irreparabbli f'każ li ma tinħhariġx il-miżura proviżorja.

15. In sostenn ta' tali argumentazzjoni, l-intimati jikkontendu illi r-rikorrent irid juri dritt prima facie filwaqt illi jrid juri wkoll l-ħsara irrimedjabbli li ser isofri.

16. Ir-rikorrent, da parte tiegħu, saħaq illi d-dewmien ta' proċeduri kriminali għal tmintax-il sena huma indikazzjoni ċara ta' ksur prima facie ta' smiegħ xieraq, filwaqt illi għamel insistenza fuq il-fatt li, filwaqt li r-reat lilu addebitat kien wieħed serju, il-familjari ta' pesuna li mietet fl-inċident kienu talbu lill-Qorti Kriminali sabiex ma timponix priġunerija effettiva fuq ir-rikorrent.

**Ikkunsidrat**

17. Ma għandu jkun hemm dubju illi l-proċeduri illi nbdew fis-sena 2004, eventwalment intemmu b'sentenza ta' priġunierja fis-sena 2022, ossija tmintax-il sena wara – ir-raġuni tad-dewmien huwa l-meritu tal-proċeduri prinċipali tal-kawża odjerna, w il-Qorti ma hijiex ser tinoltra ruħha dwar x'wassal għal tali dewmien – madanakollu, jirriżulta ċar illi l-proċeduri ħadu tmintax-il sena sabiex jingħalqu.

18. Ma ħandu jkun hemm ebda dubju wkoll illi, fil-present, ossija minn dakinhar tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), tas-27 ta' Ottubru 2022, ir-rikorrent beda jiskonta piena karċerjarja ta' sentejn.

19. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-abbli difensuri ta' l-intimati, fir-rikors responsiv tagħhom ben studjat, jagħmlu referenza għal varji deċiżjonijet tal-Qrati, kemm nostrani, kif ukoll tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, illi lkoll jikkontendu li '*interim measure*' bħal dak mitlub jingħata fejn hemm "*an apparent real and imminent risk of irreparable harm*" u, aktar minn hekk, fejn hemm "*an alleged risk to life or ill treatment*".

20. Madanakollu, din il-Qorti tirrileva illi l-każ li għandha l-Qorti quddiemha huwa ferm differenti minn kwalsiasi fattispecje ta' każ illi għamlu referenza għaliha l-intimati.

21. Jirriżulta, di fatti, illi l-akkuża illi tiegħu r-rikorrent instab ħati, huwa qtil involontarju ta' żewġ persuni, fosthom persuna, ossija Maria Dolores Zarb, li t-tifla tagħha, Marie Diane Mule Stagno, telgħet il-Qorti, di sua sponte, fejn għarrfet il-Qorti illi hija kienet ħafret lir-rikorrent ta' dak li kkawża lill-ommha u talbet lill-Qorti sabiex ma tagħtix piena karċerjarja lir-rikorrent u, minflok, tagħtih 'community service order'.

22. Jirriżulta illi 'community service order' ma ġiex kkunsidrat mill-Qorti peress illi "*ma kienx sar stħarriġ f'dan is-sens skond l-Artikolu 11(3) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta*".

23. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent huwa residenti Malti, b'familja ġewwa Malta, bir-riżultat illi ma hemm ebda biża' illi, f'xi mument, l-istess rikorrenti jista' b'xi mod, jaħrab minn Malta.

24. Il-Qorti tirrileva wkoll, finalment, illi għalkemm l-intimati jikkontendu illi l-prassi adoperata mill-Qrati f'kawżi ta' dewmien huwa illi persuna jingħata kumpens finanzjarju għal tali ksur, dana ċertament huwa biss wieħed mill-varji rimedji illi l-Qorti tista' tagħti lir-rikorrent.

25. Il-Qorti tosserva illi, tenut kont tal-fatt illi, llum il-ġurnata, hemm sentenza ta' priġunerija deċiża u finali fil-konfront tar-rikorrent, u tenut kont tal-fatt illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-kawża Kostitutzzjonali odjerna, jitlob dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu riżultat tad-dewmien fil-proċeduri, din il-Qorti għandha tieħu l-provvedimenti opportuni sabiex, fuq bażi '*interim*', u mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali ta' dina l-Qorti fl-ilment prinċipali tar-rikorrent, il-vjolazzjoni illi minnha huwa qiegħed jilmenta, ossija dik il-parti tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn imponiet fuq ir-rikorrenti piena ta' priġunerija ta' sentejn, s-sentenza ta' priġunerija ta' sentejn, jkollha l-effetti tagħha sospiżi sakemm din il-Qorti tagħti deċiżjoni finali dwar l-ilment tar-rikorrent.

26. Il-Qorti taghmila ċara illi kwalsiasi deċiżjoni mogħtija llum, għandha titqies unikament bħala 'interim', u la għandha u lanqas ma għandha titqies illi għandha kwalsiasi piż u effett fuq id-deċiżjoni finali ta' dina l-Qorti, liema deċiżjoni tingħata biss wara illi tisma' l-provi rilevanti tal-każ.

27. Kull ma qiegħda tagħmel il-Qorti, f'dana l-istadju, illi tissospendi l-effetti tas-sentenza ta' priġunerija, liema effetti jistgħu jerġgħu jidħlu fis-seħħ wara d-deċiżjoni finali ta' dina l-Qorti.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors tar-rikorrent w ir-risposta tal-intimati;

Wara illi semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet';

Wara illi wieżnet il-fatti kollha lilha esposti fuq bażi '*prima facie*' mir-rikorrent;

Tqis illi huwa ġust u ekwu li, sakemm tiġi deċiża l-kawża prinċipali intavolata mir-rikorrent;

L-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 27 ta' Ottubru 2022 jiġu **sospiżi b'effett mil-lum** u għalhekk:

**Tordna** illi r-rikorrent jingħata l-ħelsien mill-arrest, b'effett minn **sebat' ijiem** wara tali deċiżjoni, b'dan illi huwa għandu, qabel ma jingħata l-ħelsien mill-arrest:

1. **Jiddeposita** s-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala garanzija a tenur tal-Artikolu 574 (1) tal-Kodiċi Kriminali, liema somma għandha tiġi ppresentata permezz ta' Ċedola ta' Depositu fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili, kif ukoll;

2. Jagħmel **garanzija personali** ta' ħamsin elf Euro (€50,000) bħala garanzija ulterjuri a tenur tal-Artikolu 574 (1) tal-Kodiċi Kriminali, permezz ta' att appositu.

Ir-rikorrent huwa ordnat sabiex jippreżenta d-dokumentazzjoni ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet fl-atti tar-rikors odjern **QABEL** ma jingħata l-ħelsien mill-arrest effettiv.

**Tordna** illi, bl-ebda mod, ir-rikorrent ma jitlaq minn Malta għal ebda raġuni assoluta, u għal dan il-għan għandu jiddeposita mal-Qorti il-Passaport tiegħu kif ukoll il-Karta tal-Identita' tiegħu, li għandhom jinżammu fl-atti tal-proċeduri odjerni.

**Tordna** illi r-rikorrent għandu jidher kull darba illi din il-kawża tkun appuntata għas-smiegħ.

**Tordna** illi r-rikorrent għandu jiffirma darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' **Erbgħa**, bejn id 09.00 am u 9.00 pm, ġewwa l-Għassa ta' Birkirkara.

Tipprovdi dwar spejjeż ta' dana ir-rikors mad-deċiżjoni finali tagħha.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**